**30 ta' Lulju, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo Scicluna B.A., LL.D.**

Avukat Dr. Giuseppe Maria Camilleri *noe.*

*versus*

L-Onorevoli Ministru tat-Turiżmu *et*

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Diskriminazzjoni – Eżami – Gwida Turistika – Liċenzja – Rimedju – Danni**

*Ir-rikorrenti kienet taħdem ta' gwida turistika. L-awtoritajiet esiġew li hi u gwidi oħra jagħmlu eżami biex ikomplu jaħdmu ta' tali. Ir-rikorrenti ġiet lilha revokata l-liċenzja wara li waħlet minn dan l-eżami. Hija allegat li dan kien riżultat ta' diskriminazzjoni politika bi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha u talbet li tiġi risarċita għad-danni.*

*Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimat (1) iddikjarat lill-intimat ħati ta' ksur ta' l-artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni billi ttratta b'mod diskriminatorju lir-rikorrenti meta weħlet fl-eżami tal-gwidi skond ir-riżultat tat-3 ta' Ottubru, 1984 u meta fl-istess okkażjoni ċaħditha l-liċenzja ta' gwida turistika; (2) iddikjarat ir-riżultat ta' l-eżami msemmi sa fejn dak ir-riżultat jirrigwarda lir-rikorrenti null u bla effett; (3) ordnat lill-intimat li immedjatament*

*jirrestitwixxi lir-rikorrent l-liċenzja ta' gwida turistika, bil-vantaġġi kollha li jagħmlu magħha; u (4) astjeniet ruħha mit-talbiet l-oħrajn tar-rikorrenti, l-ispejjeż jitħallsu kollha mill-intimat. Ir-rikorrenti appellat billi ppretendiet li messhom ġew likwidati favur tagħha d-danni minnha sofferti. Il-Qorti Kostituzzjonali laqgħet l-appell, irriformat u rrinvjat l-atti lill-ewwel Qorti għal-likwidazzjoni tad-danni.*

*Il-Qorti osservat li la darba t-talbiet tar-rikorrenti kienu ġew milqugħa fis-sens li rriżulta li hija kienet ġiet sofriet diskriminazzjoni politika kien l-obbligu tal-Qorti li tillikwida d-danni minnha mitluba biex b'hekk tkun ingħatat rimedju.*

Il-Qorti: – Rat ir-rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih ir-rikorrenti ppremettiet:

1. Illi l-esponent ilha ċirka 14-il sena teżerċita l-professjoni ta' gwida turistika bħala l-unika okkupazzjoni tagħha;

2. Illi reċentement l-intimat eżiġa li l-gwidi jridu jagħmlu eżami biex tiġġeddilhom il-liċenzja;

3. Illi l-esponent fil-11 ta' Ġunju, 1984 għamlet dan l-eżami u rrispondiet tajjeb kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi fis-16 ta' Lulju, 1984 l-intimat fi stqarrija fil-Parlament qal li r-riżultat ta' dawk li qagħdu għall-eżami, juri 48 *very good; good* 175; *fair* 137; u *poor* 14. Qal ukoll illi anke dawk l-14 li ma għaddewx mill-eżami ''kellhom jiġu kkonsidrati wkoll 'il quddiem'';

5. Illi kuntrarjament għal dak li kien iddikjara l-intimat,

illi weħlu 14 biss mill-Gwidi u *Couriers* li kienu qagħdu għall-eżami, fit-8 ta' Ottubru, 1984 ġew infurmati illi minn dawk li għamlu l-eżami, mill-gwidi biss weħlu 120. Dan l-avviż iġib id-data tat-3 ta' Ottubru, 1984;

6. Illi l-esponenti wkoll, fit-8 ta' Ottubru ġiet mgħarrfa illi ma kenitx għaddiet mill-eżami, u li jittieħdu passi legali kontra tagħha (Dok. A u B) jekk taħdem ta' gwida;

7. Illi t-tieni "riżultat" ġie mħabbar wara l-istrike tat-*teachers*;

8. Illi t-*teachers* kollha li kienu bi *strike,* weħlu mill-eżami. It-*teachers* kollha li huma *strike-breakers,* għaddew mill-eżami;

9. Illi l-aġir ta' l-intimat li "waħħal" mill-eżami tal-Gwidi lill-esponenti jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra l-esponenti skond l-artikolu 46 illum 45 tal-Kostituzzjoni;

10. Illi jista' jingħad illi dawk li huma magħrufin għall-kulur politiku tagħhom favur il-Gvern "għaddew" mill-eżami mentri dawk kollha li ma jogħġbux lill-Gvern "weħlu" mill-eżami;

U talbet li dik il-Qorti tagħtiha dawk ir-rimedji kollha fosthom (1) li tiddikjara lill-intimat ħati ta' ksur tal-Kostituzzjoni, (2) li tiddikjara "ir-riżultat" ta' l-eżami tal-Gwidi, maħruġ mid-data tat-3 ta' Ottubru, 1984 (Dok. A u b) nulli u bla ebda effetti; (3) li tiddikjara lill-intimat responsabbli għad-danni kollha li sofriet l-esponenti, minħabba l-aġir anti-kostituzzjonali tiegħu; (4) tillikwida dawn id-danni mit-8 ta' Ottubru, 1984 sad-data

tar-"*reinstatement*" effettiv ta' l-esponenti fix-xogħol tagħha ta' Gwida; (5) tikkundanna lill-intimat iħallas dawn id-danni lill-esponenti. Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimat, u r-risposta ulterjuri tiegħu, li bihom issottometta:

1. Li r-rikors huwa null għax qabel ma ġie intavolat f'isem persuna assenti ma ġiext segwita a rigward ta' din il-persuna l-proċedura kategorikament preskritta fl-artikolu 47(1), illum 46(1) tal-Kostituzzjoni;

2. Li r-rikors huwa null għax ma' l-istess rikors ma ġietx esibita l-prokura ta' Anna Camilleri a favur ta' l-Avukat Dottor Giuseppe Maria Camilleri;

3. Li r-rikorrenti ma esawrietx ir-rimedji ordinarji li għandha, u għalhekk il-Qorti a tenur ta' l-artikolu 47(2) illum 47(2) tal-Kostituzzjoni għandha tiddeklina li teżerċita s-setgħat fihom vestit;

4. Li l-Onorevoli Ministru tat-Turiżmu mhux il-leġittimu kontradittur stante li l-eżami in kwistjoni ma tmexxiex minnu;

5. Li l-Onorevoli Ministru tat-Turiżmu ma kiser l-ebda provvediment tal-Kostituzzjoni jew xi drittijiet oħra u għalhekk it-talbiet ta' Anna Camilleri għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Rat in-nota tat-28 ta' Novembru, 1986 li biha Mary Anne Camilleri assumiet l-atti tal-kawża minflok l-Avukat Dottor Giuseppe Maria Camilleri;

Rat id-digriet tad-19 ta' Ottubru, 1987 li bih stante li "Anna Camilleri llum saret is-Sinjura Manduca", ġie ordnata ż-żieda opportuna fl-*occhio* u kull fejn hemm bżonn;

Rat in-nota tal-15 ta' April, 1988 li biha s-Segretarju Parlamentari tat-Turiżmu assuma l-atti ta' din il-kawża;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Marzu, 1990 li biha, fil-waqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimat (1) iddikjarat lill-intimat ħati ta' ksur ta' l-artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni billi ttratta b'mod diskriminatorju lir-rikorrenti meta weħlet fl-eżami tal-gwidi skond ir-riżultat tat-3 ta' Ottubru, 1984 u meta fl-istess okkażjoni ċaħditha l-liċenza ta' gwida turistika; (2) iddikjarat ir-riżultat ta' l-eżami msemmi sa fejn dak ir-riżultat jirrigwarda lir-rikorrenti null u bla effett; (3) ordnat lill-intimat li immedjatament jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-liċenza ta' gwida turistika, bil-vantaġġi kollha li jagħmlu magħha; u (4) astjeniet ruħha mit-talbiet l-oħrajn tar-rikorrenti, l-ispejjeż jitħallsu kollha mill-intimat, u dana wara li kkunsidrat illi:

1. Kwantu jirrigwarda l-ewwel sottomissjonijiet fir-risposta ta' l-intimat, l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jiddisponi li t-talba lil din il-Qorti għal rimedju tista' ssir minn "kull persuna li tallega li xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivli f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega." L-intimat isostni li r-rikorrenti Anna Camilleri, illum Manduca, li preżumibilment kienet assenti minn Malta fid-data tal-preżentata tar-rikors, ma setgħetx tagħmel it-

talba odjerna permezz tal-mandatarju tagħha, iżda permezz ta' persuna oħra li din il-Qorti setgħet ħatret ad istanza tar-rikorrenti, kif dispost fl-artikolu 46(1) fuq ċitat;

2. Ma setgħetx kienet l-intenzjoni tal-leġislatur li min jitlob rimedju għall-ksur ta' dritt fundamentali ma jkollux jedd jagħżel lill-persuna li tirrappreżenta fil-ġudizzju fil-waqt li min ifittex għad-drittijiet ordinarji jkollu dak il-jedd. Il-Kostituzzjoni tidher anzi li trid tiffaċilita l-proċeduri għal min ifittex għad-drittijiet fundamentali tiegħu. Di fatti l-artikolu 46(1) ma jneħħix lir-rikorrent assenti d-dritt li jagħżel persuna oħra u jinkarikaha biex taġixxi f'ismu, kif għamlet ir-rikorrenti fir-rikors preżenti. Dak l-artikolu jagħti lir-rikorrent, assenti jew mhux assenti, li għal xi raġuni jew oħra jkollu bżonn persuna biex tirrappreżentah fil-ġudizzju u jkollu diffikultà biex isib tali persuna, il-fakoltà li jitlob lill-Qorti biex issiblu hi l-persuna adatta biex tirrappreżentah;

3. Kwantu għat-tieni eċċezzjoni l-prokura mhux neċessarjament issir bil-miktub. Fil-każ preżenti ma rriżultax li l-prokura tar-rikorrenti lil Dottor Camilleri saret bil-miktub. Għalhekk ma kien hemm ebda prokura x'tiġi esebita;

4. L-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni invokat fit-tielet eċċezzjoni hawn fuq riprodotta, igħid li din il-Qorti tista', (mhux għandha), jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha, ċjoè li tisma' u tiddeċiedi t-talba, meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huwa jew kien disponibbli favur ir-rikorrenti skond xi liġi apparti mill-Kostituzzjoni;

5. Fir-rigward ta' din it-tielet eċċezzjoni, jiġi osservat li r-rikorrenti qiegħda tallega l-ksur a skapitu tagħha ta' l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni in kwantu li hija ġiet imwaħħla f'eżami mhux għaliex kien jisthoqqilha teħel imma għaliex saret diskriminazzjoni kontra tagħha. Ta' dan qiegħda titlob ir-rimedji kollha opportuni. Ma jidhirx li r-rikorrenti setgħet titlob dawn ir-rimedji, jew almenu xi wħud minnhom, skond xi liġi oħra barra mill-Kostituzzjoni;

6. L-eżami oġġett tar-rikors, u li r-riżultat tiegħu r-rikorrent qiegħda titlob li jiġi dikjarat null u bla effett, sar fl-1984 fuq ordni maħruġ mill-Ministeru tat-Turiżmu. Jiġifieri l-Onorevoli Ministru tat-Turiżmu kellu, u l-Onorevoli Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu illum għandu interess ġuridiku fir-rikors odjern;

7. L-ewwel erba' eċċezzjonijiet hawn fuq riprodotti għalhekk mhumiex sostenibbli;

8. fil-meritu, irriżulta li fl-1984 ġie deċiż mill-Ministeru tat-Turiżmu li jsir eżami tal-gwidi turistiċi. Il-*Union of Government Licensed Tourist Guides* ipprotestat għal din id-deċiżjoni. Il-membri tal-*Union* kollha kellhom liċenza bħala gwidi. Kienu ottenew din il-liċenza wara li kienu għamlu kors serju ta' gwida u għamlu l-eżami opportun. Il-*Union* dehrilha li ma kien hemm ebda raġuni valida li dawn il-gwidi jerġgħu jissottomettu rwieħhom għal eżami ieħor. Il-*Union* kienet qiegħda titħasseb billi kien hemm għidut ta' sekondi fini dwar dan l-eżami;

9. L-intimat insista li dan l-eżami kellu jsir. L-Onorevoli

Joseph Grima li allura kien Ministru tat-Turiżmu, iddikjarra li kien hemm dak iż-żmien mal-ħames mitt persuna rreġistrati bħala gwidi turistiċi. Kien magħruf li fil-fatt ma kienx hemm daqshekk nies li kienu gwidi. Għalhekk, l-uniku skop ta' l-eżami kien li jkun magħruf kemm effettivament kien hemm gwidi, u li jiġi assikurat li kienu gwidi kompetenti;

10. Il-membri tal-*Union* allura ddeċidew li jagħmlu l-eżami bi protesta. Ir-rikorrenti Anna Manduca kienet waħda minn dawn il-membri. L-eżami sar fl-10 ta' Ġunju, 1984;

11. Għal dan l-eżami, il-kandidati, fosthom ir-rikorrenti, ġew mogħtijin *"Handbook for Tourist Guides"*, maħruġ mill-Ministeru tat-Turiżmu. Il-kandidati ġew informati li d-domandi ta' l-eżami kellhom ikunu bbażati fuq il-kontenut ta' dan il-*handbook*. Dan kien jikkontjeni informazzjoni fuq diversi aspetti tal-ħajja u ta' l-istorja ta' Malta;

12. Fl-eżami l-kandidati ġew imlaqqgħin fil-*Mediterranean Conference Centre,* u kellhom iwieġbu domanda waħda mit-tnejn ppreżentati lilhom. Kellhom jiktbu r-risposti tagħhom fuq karti pprovduti lilhom, li fuqhom kien hemm stampat l-*index number* tal-kandidat;

13. Ir-rikorrenti għażlet li twieġeb domanda li kienet tirrigwarda *"Health Services in Malta"*. Dan kien wieħed mis-soġġetti ttrattati fil-*Handbook* fuq imsemmi. Wara li kienet kitbet ir-risposta tagħha u qabel ma kkonsenjatha, ir-rikorrenti kkupjat dik ir-risposta fuq karta separata. Din il-kopja tar-risposta r-rikorrenti ħarġitha magħha x'ħin ħarġet mis-sala ta' l-eżami. Din il-kopja hija d-dokument "AC5" esebit a fol. 40 tal-proċess;

14. In segwitu fis-seduta tal-Parlament tas-16 ta' Lulju, 1984, il-Ministru Onorevoli Grima ddikjara li r-riżultat ta' l-eżami in kwistjoni kien – *a very good* tmienja u erbgħin (48); *good* mija u ħamsa u sebgħin (175); *fair* mija u sebgħa u tletin (137) u *poor* erbatax (14). Il-Ministru qal li ma kellux problema dwar dawk li ġiebu *very good, good* u *fair*, "għaliex il-*fair* tagħna kien esiġenti ħafna". Jiġifieri l-kandidati li ġiebu dawn ir-riżultati kienu ser iżommu l-liċenza ta' gwida. Rigward l-erbatax li kellhom riżultat *"poor"*, il-Ministru ta x'jifhem li ma kinux ser jingħataw il-liċenza, biss iddikjara li l-każ tagħhom kien ser jerġa' jarah. Dan kollu l-Ministru intimat iddikjarah fis-seduta tal-Parlament tas-16 ta' Lulju, 1984;

15. Ir-riżultat ta' l-eżami b'danakollu, ma ġewx ippubblikati qabel Ottubru, 1984. Din il-pubblikazzjoni inoltre, ma saritx permezz ta' lista tal-kandidati bil-marki jew gradi ottenuti fl-eżami. Saret billi lil kull kandidat intbagħtitlu nota li biha ġie nfurmat li kien għadda mill-eżami jew, skond il-każ li kien weħel u li l-liċenza ta' gwida tiegħu kienet ser tiġi miżmuma. Barra minn hekk, fil-waqt li kif intqal, il-Ministru kien iddikjara fil-Parlament li kien hemm erbatax-il kandidat li kienu weħlu fil-fatt ġara li kien hemm xi mija u għoxrin kandidat li ġew informati li kienu weħlu mill-eżami u li għalhekk inżammitilhom il-liċenza ta' gwida;

16. Terġa', fil-perijodu bejn id-dikjarazzjoni tal-Ministru fil-Parlament f'Lulju. 1984 u n-notifiki lill-kandidati bir-riżultat f'Ottubru, 1984 kien sar *strike* tat-*teachers,* impjegati mal-Gvern. Ġie kkonstatat li l-kandidati kollha li kienu *teachers* u bl-*istrike,* u l-kandidati kollha barra waħda, li kienu nisa miżżewġin ma' *teachers* li kienu bl-*istrike,* weħlu mill-eżami in kwistjoni. Fost

dawn il-kandidati li weħlu, kien hemm min kellu esperjenza twila bħala gwida u magħruf għall-kapaċità bħala tali;

17. Ir-rikorrenti weħlet mill-eżami, u nżammitilha l-liċenza ta' gwida. Ma kinetx *teacher*, u l-anqas il-mara ta' *teacher*. Biss kienet bint l-Avukat Dottor Giuseppe Maria Camilleri, ex Ministru fi Gvern iffurmat mill-Partit Nazzjonalista, u magħruf tajjeb bħala membru attiv ta' dak il-Partit, li hu oppost għall-Partit Laburista li għalih kien jappartjeni l-Onorevoli Ministru Grima;

18. Irriżulta li r-rikorrenti kienet ilha li otteniet il-liċenza ta' gwida mill-1971, u kienet magħrufa għall-abbilità tagħha bħala gwida. Kienet tippossjedi tajjeb il-lingwa Franċiża barra mit-Taljan u l-Ingliż. F'diversi okkażjonijiet kienet magħżula mill-Gvern biex bħala gwida takkompanja membri prominenti ta' delegazzjonijiet barranin;

19. L-eżaminatur tas-suġġett magħżul mir-rikorrenti fl-eżami in kwistjoni, kien it-Tabib Dottor Peter Fenech. Fix-xhieda tiegħu dana ddikjara li bil-kriterji li bihom kien ikkoreġa r-risposti ta' dak l-eżami, ir-risposta tar-rikorrenti kif traskritta fil-kopja li ħarġet mis-sala ta' l-eżami (dokument "AC5") kien jiġġudikaha bħala "*very good*". Bħala marki kien jagħtiha ħamsa u tmenin fil-mija (85%);

20. Iċ-ċirkostanzi premessi, speċjalment meħudin flimkien ma jistgħux ma jwasslux għall-konvinzjoni li bil-fatt li ġiet imwaħħla fl-eżami in kwistjoni u miċħuda mil-liċenza tagħha ta' gwida turistika, ir-rikorrenti ġiet ittrattata b'mod diskriminatorju bi ksur ta' l-artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni. Dan

l-artikolu jiddisponi li ħadd ma għandu jiġi ttrattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika;

21. Responsabbli ta' dan l-att diskriminatorju huwa evidentament l-intimat. Ħadd ħliefu ma rriżulta responsabbli. Hija loġika d-dikjarazzjoni li r-riżultat, sa fejn jirrigwarda r-rikorrenti, ta' l-eżami in kwistjoni, huwa null u bla effett. Huwa loġiku *wkoll l-ordni lill-intimat li immedjatament jirrestitwixxi* lir-rikorrenti l-liċenza ta' gwida turistika. Dawn il-provvedimenti jikostitwixxu r-rimedju dovut lir-rikorrenti bl-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni. Hija għandha mezzi oħra xierqa skond il-liġi ordinarja, il-Kodiċi Ċivili, biex tottjeni dikjarazzjoni tar-responsabbiltà ta' l-intimat għad-danni li talvolta sofriet u l-likwidazzjoni u l-ħlas ta' dawk id-danni;

Rat ir-rikors ta' l-appell tar-rikorrenti Anna Manduca ppreżentat fit-2 ta' April, 1990 li bih, għar-raġunijiet hemm esposti, talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata tat-23 ta' Marzu, 1990, billi tikkonfermaha inkwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati u laqgħet l-ewwel żewġ talbiet tagħha u tirrevokaha inkwantu astjeniet ruħha mid-domandi l-oħra billi tilqa' dawn l-istess domandi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati;

*Rat ir-risposta ta' l-appell tas-Segretarju Parlamentari tat-*Turiżmu ppreżentata fil-5 ta' April, 1990;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell magħmul mir-rikorrenti huwa limitat għall-konjizzjoni tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames talba tar-rikors promotorju tal-ġudizzju, u ċjoè t-talba li l-Qorti tiddikjara lill-intimat responsabbli għad-danni kollha li r-rikorrenti appellanti sofriet minħabba l-aġir anti-kostituzzjonali tiegħu u t-talbiet konsegwenzjali li tillikwida dawn id-danni mit-8 ta' Ottubru, 1984 sad-data tar-*"reinstatement"* tagħha fix-xogħol tagħha ta' gwida, u, li tikkundanna lill-intimat li jħallas dawn id-danni;

Fil-fatt eżami tas-sentenza appellata juri li l-ewwel Qorti, wara li ddikjarat ir-riżultat ta' l-eżami fuq imsemmi sa fejn jirrigwarda r-rikorrenti appellanti null u bla effett, u wara li ordnat lill-intimat li immedjatament jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-liċenza ta' gwida turistika bil-vantaġġi kollha li jagħmlu magħha, astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra tar-rikorrenti;

Ir-rikorrenti appellanti avvanzat diversi raġunijiet biex issostni l-appell tagħha u l-Qorti, wara li anke nnutat ir-risposta tal-kontroparti li rrimetta ruħhu għad-deċiżjoni tal-Qorti, taqbel ma' dawk ir-raġunijiet. L-ewwel Qorti kellha quddiemha talbiet intiżi biex il-Qorti tiddikjara l-intimat responsabbli għad-danni, għal-likwidazzjoni tagħhom u għall-kundanna ta' l-intimat biex iħallashom. Dawna kienu r-rimedji li talbet espressament ir-rikorrent appellanti skond it-termini ta' l-art. 46(1) tal-Kostituzzjoni, u l-ewwel Qorti, li ġiet adita biex tikkunsidrahom u tiddeċidihom, bir-rispett kollu, ma setgħetx tastjeni milli tieħu

konjizzjoni tagħhom, billi tgħid li r-rikorrenti appellanti kellha mezzi oħra xierqa skond il-liġi ordinarja tal-pajjiż, iżda kellha l-obbligu legali li tiddeċidihom billi jew tilqagħhom jew tirrespinġihom, billi t-talbiet kienu quddiemha u ma setgħetx ma tiddeċidihomx;

F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-ewwel Qorti stess fis-sentenza appellata, kienet ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimat, fosthom anke dik li r-rikorrenti ma eżawrietx ir-rimedji ordinarji li għandha u għalhekk l-ewwel Qorti għattenur ta' l-art. 47(2) (illum 46(2) ) tal-Kostituzzjoni għandha tiddeklina li teżerċita s-setgħat fihom vestiti. Dan ifisser li l-ewwel Qorti, għalkemm setgħet skond l-art. 46(2), fil-każ li kienet sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat kienu disponibbli favur ir-rikorrenti skond xi liġi oħra, takkolji dik l-eċċezzjoni u għalhekk tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha firrigward tal-kawża preżenti, fil-fatt ma għamlitx hekk billi ċaħdet l-imsemmija eċċezzjoni. Hija għalhekk aċċettat li teżerċita s-setgħat tagħha skond l-art. 46 tal-Kostituzzjoni u kwindi ma segħetx in segwitu, wara li ċaħdet tali eċċezzjoni tiddeċiedi li ma teżerċitax is-setgħat tagħha a rigward ta' parti mill-meritu tal-kawża għax b'dan l-mod tkun kontradittorja magħha nnifisha;

*Di più* l-azzjoni preżenti hija azzjoni pubblika li twieldet mill-istess Kostituzzjoni u fil-fatt ir-rikorrenti appellanti espressament talbet li l-intimat jiġi ddikjarat responsabbli għaddanni minħabba l-aġir **anti-kostituzzjonali** tiegħu. Din hija raġuni oħra l-għala l-ewwel Qorti ma kellhiex tastjeni fil-parti dispożittiva tas-sentenza, kif fil-fatt għamlet, billi tgħid li r-rikorrenti kellha mezzi oħra skond il-liġi ordinarja. Ir-rimedju li qiegħda titlob ir-rikorrenti bl-imsemmija talbiet fl-azzjoni

pubblika li hija eżerċitat jikkonsistu f'danni minħabba aġir anti-kostituzzjonali u dan ir-rimedju jista' jinkludi affarijiet oħra li ma jidħlux fl-ambitu ta' azzjoni privata taħt il-liġi ordinarja;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, u biex il-partijiet ma jiġux ipprivati mill-benefiċċju tad-*doppio* eżami, il-Qorti tara li hemm lok għal biex il-kawża tiġi rinvjata lill-ewwel Qorti sabiex dina tiddeċiedi t-talbiet li kienet astjeniet minnhom;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha inkwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimat u inkwantu ddikjarat lill-intimat ħati ta' ksur ta' l-artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni, billi ttratta b'mod diskriminatorju lir-rikorrenti meta weħlet fl-eżami tal-gwidi skond ir-riżultat tat-3 ta' Ottubru, 1984 u meta fl-istess okkażjoni ċaħdilha l-liċenza ta' gwida turistika, inkwantu ddikjarat ir-riżultat ta' l-eżami msemmi, sa fejn jirrigwarda lir-rikorrenti, null u bla effett, u inkwantu ordnat lill-intimat li immedjatament jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-liċenza ta' gwida turistika bil-vantaġġi kollha li jagħmlu magħha, tirrevokaha inkwantu l-ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħrajn tar-rikorrenti billi minflok tiddeċiedi li dawn it-talbiet l-oħra għandhom jiġu deċiżi mill-istess l-ewwel Qorti u għal dan il-għan u sabiex il-partijiet ikollhom il-benefiċċju tad-*doppio* eżami, il-Qorti tordna li l-atti tal-proċess jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti sabiex tikkunsidrahom u tiddeċidihom skond il-liġi. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel Qorti, ċjoè jitħallsu mill-intimat u l-ispejjeż ta' din it-tieni istanza wkoll jitħallsu mill-istess intimat.